REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 6/2013

tat-8 ta' Jannar 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2009 [2], jeżiġi li l-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir għandhom ikunu konformi mal-ħtiġijiet tal-protezzjoni ambjentali tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Chicago") kif applikabbli fl-20 ta' Novembru 2008 għall-Volumi I u II, ħlief għall-Appendiċijiet tagħha.

(2) L-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago ġie emendat minn mindu ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 690/2009, u għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(3) L-emendi għar-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago introduċew rekwiżiti għall-interruzzjoni fil-produzzjoni tal-NO_x u jippermettu lill-Istati Kontraenti jistipulaw miżuri tranżitorji għall-applikazzjoni tagħhom.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni skont l-Artikolu 17(2)(b) u l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 65(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 216/2008

Fl–Artikolu 6, tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir għandhom ikunu konformi mal-ħtiġijiet tal-protezzjoni ambjentali li jinsabu fl-Emenda 10 tal-Volum I u fl-Emenda 7 tal-Volum II tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago kif applikabbli fis-17 ta' Novembru 2011, ħlief għall-Appendiċijiet tal-Anness 16."

Artikolu 2

Miżuri ta' tranżizzjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2016 l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet għar-rekwiżit tal-interruzzjoni fil-produzzjoni tal-emissjonijiet stabbiliti fil-punt (d) tal-Volum II, il-Parti III, il-Kapitlu 2, il-paragrafu 2.3.2 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawn l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw b'konsultazzjoni mal-Aġenzija;

(b) l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw biss meta l-impatt ekonomiku għall-organizzazzjoni responsabbli mill-manifattura tal-magni eżenti jkun akbar mill-interessi għall-ħarsien tal-ambjent;

(c) fil-każ ta' magni ġodda li se jiġu installati f'inġenji tal-ajru ġodda, mhux se jingħataw eżenzjonijiet għal aktar minn 75 magna minn kull tip ta' magna;

(d) meta l-Istat Membru jqis talba għal eżenzjoni, għandu jqis:

(i) il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-organizzazzjoni responsabbli mill-manifattura tal-magni eżenti, inkluż iżda mhux limitata għall-konsiderazzjonijiet ta' kwistjonijiet tekniċi, l-impatti ekonomiċi negattivi, l-effetti ambjentali, l-impatt ta' ċirkostanzi mhux preveduti u l-kwistjonijiet ta' ekwità;

(ii) l-użu maħsub tal-magni affettwati, partikolarment jekk humiex magni ta' riserva jew magni ġodda li se jiġu installati f'inġenji tal-ajru ġodda.

[1] ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.
[2] ĠU L 199, 31.7.2009, p. 6.

(iii) l-għadd ta' magni ġodda affettwati;

(iv) l-għadd ta' eżenzjonijiet mogħtija għal dik it-tip ta' magna;

(e) meta jagħti l-eżenzjoni, l-Istat Membru għandu tal-anqas jispeċifika:

(i) in-numru taċ-ċertifikat tat-tip tal-magna;

(ii) l-għadd massimu ta' magni inklużi fl-eżenzjoni;

(iii) l-użu maħsub tal-magni affettwati u l-limitu ta' żmien għall-produzzjoni tagħhom;

2. L-organizzazzjonijiet responsabbli mill-manifattura tal-magni skont eżenzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu għandhom:

(a) jassiguraw li l-pjanċi ta' identifikazzjoni fuq il-magni affettwati jkunu mmarkati "EXEMPT NEW" jew "EXEMPT SPARE", skont il-każ;

(b) jadottaw proċess għall-kontroll tal-kwalità biex jissorveljaw u jimmaniġġjaw il-produzzjoni tal-magni affettwati;

(c) jipprovdu dettalji dwar il-magni eżentati li ġew prodotti, fuq bażi regolari, lill-Istat Membru li ta l-eżenzjoni u l-organizzazzjoni responsabbli mid-disinn, inkluż il-mudell, in-numru tas-serje, l-użu tal-magna, u t-tip ta' inġenju tal-ajru li ġew installati l-magni ġodda fih:

(d) L-Istati Membri li taw eżenzjoni għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jikkomunikaw id-dejta kollha msemmija fil-Paragrafu 1(d) u l-Paragrafu 2(c) lill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha toħloq u żżomm aġġornat reġistru li jkun fih tali dejta u tagħmlu disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO